



Brussell, 17 ta' April 2026
(OR. en)

8271/26

FIN 544
INST 180

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-FERROVIJI (ERA), L-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ (ESMA), L-AWTORITÀ EWROPEA TAL-ASSIGURAZZJONI U L-PENSJONIJIET TAX-XOGĦOL (EIOPA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI (EMA) U L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBIENT (EEA)

F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)* jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ERA għas-sena finanzjarja 2026 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2026. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ERA għall-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ERA għall-perjodu ta' wara l-2027 huma mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti għall-*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)* u l-*Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)* jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għaż-żewġ aġenziji għas-sena finanzjarja 2026 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2026. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ESMA u l-EIOPA għall-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)* jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EMA għas-sena finanzjarja 2026 ġew inklużi fil-baġit tal-2026 abbażi tad-dikjarazzjoni finanzjarja inizjali, filwaqt li l-Kummissjoni beħsiebha tinkludi r-riżorsi addizzjonali għall-2026 kif jinsabu fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta f'abbozz ta' baġit emendatorju fl-2026. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EMA għall-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)* għall-perjodu ta' wara l-2027 huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.
